# QORTI TA'L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**ONOR.IMHALLEF**

**EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell numru: 450/2010**

**Drivetec (Malta) Ltd (C32408)**

**vs**

**Carmelo Agius (ID nru 770449(M))**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fl-14 ta' Jannar, 2013 mit-Tribunal Ghal Talbiet Żgħar li ippronunzja s-segwenti decizjoni:

***"It-Tribunal,***

*Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-26 ta' Marzu, 2010** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' tlett elef u hames mitt euro [€3,500] u dan wara li ppremettiet hekk:*

*"Il-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici s-somma ta' tlitt elef u hames mitt Euro (€3,500) import ta' erbatax-il kambjala li ga skadew skond il-kopji taghhom hawn uniti u mmarkati Dok. 1 sa Dok. 14.*

*Il-konvenut gie mitlub ihallas diversi drabi, ukoll b'ittra legali izda baqa nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din it-talba.*

*Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali".*

*Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fit-13 ta' Gunju, 2011 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:*

*"Illi l-ammont mitlub mhux dovut kif ser jigi ppruvat waqt il-provi fil-kawza";*

*Ra l-verbal datat 15 ta' Mejju, 2012 fejn ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti Lino Grech informa lit-Tribunal li huwa qieghed jinsisti fuq is-somma ta' €3494 pari ghal Lm1,500 u mhux ghal dak pretiz fit-talba;*

*Ra l-verbal datat 7 ta' Novembru, 2012 fejn l-intimat iddikjara li huwa lest li jhallas dawk l-invoices li gew pprezentati llum mis-socjeta rikorrenti u li fuqhom jgharraf il-firma tieghu. Il-partijiet iddikjaraw ukoll f'din l-istess seduta li l-provi f'din il-kawza qeghdin jghoddu u jaghmlu stat fil-kawza fl-ismijiet Drivetec (Malta) Limited vs Carmelo Agius (Talba Nru. 284/12);*

*Ra l-kambjali li gew esebiti mat-Talba promotrici li lkoll gew iffirmati fl-20 ta' Settembru, 2009;*

*Ra l-verbal datat 28 ta' Novembru, 2012 u dak tat-8 ta' Jannar, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;*

*Semgha' x-xhieda;*

*Ra l-atti;*

*Ikkunsidra:-*

*1. **Is-socjeta rikorrenti** esebiet erbatax (14)-il kambjala bl-import ta' mitejn u hamsin euro (€250) kull wahda biex komplessivament jigi l-ammont ta' tlett elef u hames mitt euro (€3,500). Skond ma jirrizulta mill-verbal datat 15 ta' Mejju, 2012 is-socjeta rikorrenti rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' €3,494.*

*2. **Fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2012 xehed Martin Chetcuti** rapprezentant tas-socjeta attrici. Huwa qal li l-intimat ghandu jaghti lis-socjeta minnu*

*rapprezentata s-somma ta' tlett elef u hames mitt euro (€3,500) u dan skond il-kambjali esebiti mat-talba odjerna. Dawn l-ammonti, jghid ir-rapprezentant, "... huma dovuti ghal xoghol u spare parts fuq xarabank proprjeta tal-konvenut". Qal ukoll li sal-lum, l-ebda ammont ma thallas minn dawn il-kambjali mill-intimat li dejjem qallu li "...gej ihallas pero qatt ma gie jhallas" (fol. 40).*

*3. Ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti gie msejjah biex jixhed mit-Tribunal fil-25 ta' Ottubru, 2012. F'din is-seduta, huwa qal li "l-intimat kien jaghmel diversi xogholijiet ghadna, xi kultant kien jaghmel xoghol fuq il-pompa tal-ilma, kien jigi ghadna biex naghmlulu xoghol fuq il-pompa tal-ilma, fuq il-magni tax-xarabank u hafna affarijiet ohra". Qal illi meta l-intimat kien ihallas huwa dejjem tah l-ircevuta relattiva. Dan ix-xhud qal ukoll li meta l-intimat qal li huwa ma kienx ghaddielu r-ricevuti ghax-xogholijiet maghmula mis-socjeta rikorrenti, dawn kienu ricevuti ghal xoghol li kien sar u li l-intimat "...ghadu ma hallas taghhom" (fol. 47). Ir-rapprezentant gie mistoqsi sabiex jesebixxi rendikont tax-xogholijiet li kien ghamel l-intimat u x-xhud obbliga ruhhu li jaghmel dan. Dan ir-rendikont gie esebit fis-seduta tas-7 ta' Novembru, 2012.*

*4. L-intimat xehed fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012 u qal illi "jiena meta kont immur ihallas il-flus lis-socjeta rikorrenti jiena kont niffirma l-karti" (fol. 45). Qal ukoll li r-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti qatt ma kien jaghtih kopja tal-karti li kien jiffirma mbaghad meta hu kien min ghalih li kien hallas kollox kien qallu li kien ghad fadallu jaghtih. L-intimat kien qal lir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti sabiex jaghtih dawk l-ircevuti li kien iffirma diga u jhallsu d-differenza. F'din is-seduta l-intimat qal ukoll, bil-gurament tieghu li "Jiena ma ghandi naghti assolutament xejn lis-socjeta rikorrenti" (fol. 45). Imbaghad kompla jghid li r-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti kien heddu li jaqtalu rasu jekk ma jmurx u jaghtih il-flus li kellu jaghti. Qal ukoll illi "ir-rapprezentant*

*tas-socjeta rikorrenti Martin Chetcuti lili qalli inzel hawn ghal go l-basement tieghu biex niffirma l-karti. Jiena bzajt u ffirmajt" (fol. 45). Imbaghad zied ighid li "jiena ma kontx bzajt minnu ghalkemm ghadni kif ghidt hekk u fil-fatt meta kellimt lil Avukat tieghi dwar dan qaltli biex nghid lill-Qorti u mhux immur ghand il-Pulizija" (fol. 45). Qal ukoll li "dan l-episodju ta' meta jiena mort niffirma kien madwar sitt (6) snin ilu" (fol. 45). L-intimat ighid li "is-socjeta rikorrenti lili trid tehodli l-flus mill-but, lili ma ghamilli xejn kbir biddilli l-isteering u erbgha molol. Jiena dejjem hallastha lis-socjeta rikorrenti pero rcevuti qatt ma nghatajt". Ghar-rigward tad-dokumenti li hemm esebiti a fol. 3 u 4 tal-process, l-intimat ighid li "qieghed naghraf il-firma tieghi. Nerga nghid illi dawn il-karti gaghlni niffirmahom bilfors, heddidni biex niffirmhom. Ma nafx x'kellu f'idejh kien warrajja." (fol. 46). In kontro-ezami mbaghad ighid li huwa jaqbel illi meta kien iltaqa mar-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti (u cioe s-Sur Lino Grech) huwa kien qallu li kien lest li jirranga bil-mod. Dan pero kien qieghed jghidu peress li skond l-intimat kien fadal xi naqriet u mhux l-ammont li qieghed jitlob f'din il-kawza.*

*5.* ***Lino Grech****, is-Segretarju tas-socjeta rikorrenti xehed bil-gurament tieghu li l-intimat dejjem ammetta mieghu li "... huwa kellu jhallas dawn l-ammonti lis-socjeta rikorrenti" (fol. 50). Zied ighid ukoll li l-intimat "... qatt ma semma mieghi li huwa gie xi darba mhedded biex jiffirma dawn il-kambjali" (fol. 50).*

*6. Wara li gew ipprezentati d-dokumenti mesmmija mir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti fis-seduta tas-7 ta' Novembru, 2012, l-intimat iddikjara li huwa lest li jhallas dawk l-invoices li gew pprezentati llum mis-socjeta rikorrenti u li fuqhom jgharraf il-firma tieghu. Meta t-Tribunal ghadd l-invoices li fuqhom hemm il-firma ta' l-intimat, dawn gew ghas-somma ta' hamest elef hamsa u disghin euro u tmien centezmi ta' euro (€5095.08c)1.*

*1* ***Lm103.40*** *(fol. 53, 79) +* ***Lm277.42*** *(fol. 54,93) +* ***Lm317.42*** *(fol 57., 59, 76, 77, 78) +* ***Lm214.94*** *(fol. 58, 74) +* ***Lm566.71*** *(fol. 60, 80, 81) +* ***€85*** *(fol. 61,84) +* ***Lm296.77*** *(fol. 66, 89, 90, 91, 92) +* ***Lm174.92*** *(fol. 56, 67, 75, 82) +* ***Lm182.15*** *(fol.64, 68, 73) +* ***€39.83*** *(fol. 87, 88);*

*7. Jekk jinghaddu l-invoices kollha esebiti (eskluz dawk dupplici) jigi l-ammont ta'*

*8. Skond id-dokument immarkat bhala dok. AC 1 li gie pprezentat fis-seduta tat-28 ta' Novembru, 2012 huwa ghandu jhallas parti mill-ammont li hemm indikat a fol. 93 biss filwaqt li ghalkemm il-firma li hemm fuq id-dokument li jinsab a fol. 89 hija tieghu, dan l-ammont ta' Lm296.77 ma huwiex dovut l-ghaliex l-intimat ma jafx jaqra. Il-kumplament tad-dokumenti, jew ma humiex iffirmati jew inkella huma ffirmati minn persuna ohra li ma hijiex l-intimat.*

*Ikkunsidra ulterjorment;*

*9. Din hija azzjoni kambjarja. Il-Qrati taghna dejjem irrittenew illi fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita formal ital-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha monka f'xi wahda mill-elementi kostituttivi essenzjali taghha kif trid il-ligi.*

*10. Skond gurisprudenza pacifika, l-azzjoni kambjarja ghandha r-regoli proprji taghha. "B' dan illi l-obbligazzjoni f' kambjala hija astratta u kompluta, jigifieri indipendenti mill-causa obligationis li minhabba fiha l-kambjala tkun giet mahruga. Id-debitu kostitwit f'kambjala huwa tali mhux ghax hemm obbligazzjoni pre-ezistenti imma ghaliex id-debitur iffirma il-kambjala" – "***Henry Petroni -vs- Bernard Farrugia***", Appell Kummercjali, 23 ta' Novembru 1994;*

*11. Jinsab deciz ukoll illi "l-azzjoni kambjarja hija azzjoni awtonoma u dak li ghandu jigi rigwardat f' azzjoni simili huwa bhala regola r-relazzjoni bejn it-traent u t-trattarju kif emergenti minn wicc il-kambjala stess" – "***United Acceptances Finance Ltd -vs- Mario Grech proprio et nomine***", Appell, 6 ta' Ottubru 2000;*

*12. Issa huwa minnu li l-Kodici tal-Kummerc jahseb ghal kaz ta' xi eccezzjonijiet; inter alia, dak provvdut fl-Artikolu 198 tieghu pero dan id-dispost tal-ligi "jimplika illi eccezzjonijiet li kienu ta' natura personali ghall-possessur u li allura setghu joriginaw minn negozju li ta lok ghall-hrug tal-kambjala u li setghu idewmu ddeterminazzjoni ta' l-azzjoni kambjarja kellhom jigu skartati" – "***Adrian Busietta nomine -vs- Marco Attard nomine***", Appell, 9 ta' Frar 2001;*

*13. Hemm pero` eccezzjonijiet ohra li jistghu jinghataw u fost dawn il-kazijiet hemm dak meta l-kunsens ta' l-accettant ikun vizzjat b' dolo jew vjolenza. Ghaldaqstant, kif drabi ohra affermat, "meta l-eccezzjoni hija tad-dolo, il-Qorti ghandha tezamina l-kwestjoni sollevata, ghaliex diversament il-Qorti tkun qeghda tiffavorixxi lil min, kieku l-eccezzjoni tkun provata, ikun agixxa dolozament" (***Alfred Tonna vs Vincent Lentini – Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Lulju, 1950 Kollez. Vol. XXXIV P III p 845***). "Kwindi l-provi dwar l-allegat dolo jew l-allegata vjolenza jinstemghu fl-istess gudizzju fejn tigi mitluba l-adempjenza ossija l-hlas tal-kambjali" (***Joseph Cost Chretien vs Joseph C. Borda - Qorti tal-Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1961 Kollez. Vol. XLV P I p 478***). Jekk il-Qorti ma tinvestix dan il-punt, sollevat b' eccezzjoni jew b' kontro-talba, bhal f' dan il-kaz, il-Qorti ndirettament tkun qeghda tghin lil min ma jisthoqqlux dik l-ghajnuna minhabba d-dolo tieghu. F' dawn il-kazi huma applikabbli z-zewg principji tad-Dritt illi "natura aequum est neminen cum alterius detrimento fiery locupletiorem" u "malitiis non est indulgendum" li*

*huwa principju ta' moralita` u ghandu jkollu l-applikazzjoni tieghu guridiku"* ***(Alfredo Tonna vs Kapt. Anthony Lawrence Bartolo - Qorti tal-Appell Kummercjali, 2 ta' Marzu, 1942 Kollez. Vol. XXXI P I p 507*** *u* ***Arturo Rizzo vs Godfrey J. Gatt – Qorti tal-Kummerc, 30 ta' Novembru, 1936 Vol. XXIX P III p 319);***

*14. Issa f'dan il-kaz irrizulta li l-intimat kien juza s-servizzi tas-socjeta rikorrenti ghar-rigward ta' tiswijiet ta' ingenji fosthom xi xarabank. Jirrizulta ukoll, u dan mid-dokumentazzjoni esebita, li saru xogholijiet ghan-nom ta' l-intimat f'diversi okkazzjonijiet bejn il-perjodu 27 ta' Ottubru, 2006 u d-29 ta' Settembru, 2009.*

*15. It-Tribunal ezamina bid-dettal d-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta rikorrenti u hejja s-segwenti tabella:*

| ***Pagna fil-process*** | | | | | | | ***Lokalita*** | ***Ammont*** | ***Data*** | ***Kummenti*** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | |
| *60* | *80* | *81* | | | | | | *Lm566.71* | | *Skond din ir-ricevuta kien sar depositu ta' Lm150 meta saret din l-invoice li kienet originarjament ghall ammont ta' Lm716.71* |
| | | | | | | | | | | |

| ***Pagna fil-process*** | | | | | | | ***Lokalita*** | ***Ammont*** | ***Data*** | ***Kummenti*** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | |
| *53* | *79* | | | | | | *Qormi* | *Lm103.40* | *21/11/08* | *F'dan l-ammont hemm inkluz il-VAT* |
| *54* | *93* | | | | | | *Qormi* | *Lm277.42* | *26/08/08; 1/09/08; 16/09/08;* | *F'dan l-ammont hemm inkluz il-VAT* |
| | | | | | | | | | | |

| ***Pagna fil-process*** | | | | | | | ***Lokalita*** | ***Ammont*** | ***Data*** | ***Kummenti*** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | |
| *61* | *87* | *88* | | | | | *Mgarr* | *€39.83* | *29/09/09;* | *Fuq l-ircevuta hemm is-somma ta' €80 indikata u fil-linja tal-VAT ma hemm xejn* |
| *55* | *62* | *66* | *89* | *90* | *91* | *92* | *Mgarr* | *Lm296.77* | *30/01/07;* | *F'dan l-* |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | 27/07/07; 30/10/07; 18/01/08; | ammont hemm inkluz il-VAT |
| | | | | | | | | | | |

| **Pagna fil-process** | | | | | | | **Lokalita** | **Ammont** | **Data** | **Kummenti** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | |
| *56* | *63* | *67* | *75* | *82* | | | | *Lm174.92* | *23/06/08; 22/08/08;* | *F'dan l-ammont hemm inkluz il-VAT* |
| *57* | *59* | *65* | *76* | *77* | *78* | | | *Lm317.42* | *27/10/06;* | *F'dan l-ammont hemm inkluz il-VAT. Minn din l-invoice jirrizulta li fit-12 ta' Novembru, 2007 l-intimat hallas is-somma ta' Lm500.* |
| *52* | *84* | | | | | | | *€85* | *29/09/09;* | *Ma hemmx* |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | *indikazzjoni jekk dan l-ammont jikkomprendiex il-VAT* |
| *58* | *74* | | | | | | | *Lm214.94* | *12/06/07;* | *F'dan l-ammont hemm inkluz il-VAT* |
| *64* | *68* | *73* | | | | | | *Lm182.15* | *18/06/07; 13/07/07;* | *Il-VAT mhux inkluz* |
| | | | | | | | | | | |

*AMMONT TOTALI f'LM (ink. VAT) Lm1,384.87c (fol. 53, 54, 55, 56, 57, 58)*
*AMMONT TOTALI f'LM (BLA VAT) Lm898.86c (fol. 60, 64)*
*TOTALI FI FLUS MALTIN (VAT u BLA VAT) Lm2,283.73c pari ghal €5,319.66c*
*AMMONT f'EURO €165 (fol. 52, 61)*
***TOTAL GLOBALI F'EURO €5,484.66c***

*16. L-ammont hawn fuq indikat ta' €5,484.66c ghandu jonqos bis-somma ta' €1,669.49c pari ghal Lm716.71c. It-Tribunal ihoss li dan l-ammont ghandu jonqos mill-ammont li ghandu jhallas l-intimat l-ghaliex ma jistax jaccetta l-invoice li hemm a fol. 60 (li kopja taghha tinsab ukoll esebita a fol. 80 u 81). Skond din l-invoice, l-intimat kien mitlub jhallas is-somma ta' Lm716.71c pari ghal €1,669.49c ghal kambjali li gew iffirmati minnu u ghal "kont wara". X'kien dan il-"kont wara" it-Tribunal ma jafx l-ghaliex is-socjeta rikorrenti qatt ma spjegat dan il-fatt.*

*17. B'hekk mis-somma ta' €5,484.66c trid tonqos din is-somma ta' €1,669.49c biex b'hekk jigi l-ammont ta' €3,815.17c. Dan huwa l-ammont ta' xogholijiet u*

*parts li s-socjeta rikorrenti ghamlet fuq inkarigu ta' l-intimat. L-intimat da parti tieghu jghid li huwa mhux lest li jhallas ghal dawk l-invoices li huwa ma iffirmax. It-Tribunal ma jistax jaccetta dan l-argument ta' l-intimat. Galadarba saru x-xogholijiet rikjesti, gewx iffirmati jew le l-invoices relattivi, x-xogholijiet xorta wahda saru. Kien ikun iktar ghaqli li kieku gew iffirmati l-invoices kollha, pero b'daqshekk biss u cioe bil-fatt li dawn ma gewx kollha iffirmati, dan ma jfissirx li x-xogholijiet, kif diga nghad, ma sarux.*

*18. Issa mill-ammont ta' €3,815.17c irid jonqsu z-zewg ammonti li hallas l-intimat u li jirrizultaw mill-invoices esebiti mill-istess socjeta rikorrenti. Il-pagamenti li ghamel l-intimat jammontaw ghal Lm500 pari ghal €1,164.69c (ara fol. 57 u fol. 60). B'hekk l-ammont li ghad fadallu jhallas l-intimat lis-socjeta rikorrenti jigi li huwa ta' €2,650.48c.*

*19. It-Tribunal ma huwiex lanqas jaccetta l-fatt li qal l-intimat li huwa kien qieghed ihossu mhedded meta ffirma dawn il-kambjali. Fil-fatt, iktar tard fix-xhieda tieghu, l-intimat ighid li "jiena ma kontx bzajt minnu ghalkemm ghadni kif ghidt hekk u fil-fatt meta kellimt lil Avukat tieghi dwar dan qaltli biex nghid lill-Qorti u mhux immur ghand il-Pulizija" (fol. 45).*

*GHALDAQSTANT, dan it-Tribunal, in vista ta' dak kollhu li ghadu kif inghad hawn fuq, qieghed jilqa in parte l-eccezzjonijiet ta' l-intimat biss fejn dawn huma kompatibbli ma dak li inghad hawn fuq u jichad il-kumplament, qieghed jilqa in parte ukoll it-talba tas-socjeta rikorrenti limitatament ghall-ammont ta' elfejn sitta mija u hamsin euro u tmienja u erbghin centezmi ta' euro (€2,650.48c) u ghalhekk jikkundanna lill-intimat biex ihallas din is-somma flimkien ma l-imghaxijiet relattivi jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza.*
*L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu kollha mill-intimat."*

Illi minn din is-sentenza is-soċjetà attriċi ħassitha aggravata u ressqet appell bl-aggravju illi ir-*ratio decidendi* tad-decizjoni impunjata wassal ghal sitwazzjoni fejn it-Tribunal injora il-principju legali baziku illi f'azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita formali tal-kambjali jew inkella illi l-kambjali kienu monki ghaliex nieqsa minn xi element kostituttiv essenzjali u kwindi t-Tribunal ma setax inaqqas mill-ammont pretiz is-somma ta' €1669.49 minhabba konsiderazzjonijiet li bl-ebda mod ma jolqtu l-validita formali tal-kambjala.

Illi tkompli is-socjeta appellanti illi gjaldarba l-obbligazzjoni krejata permezz tal-kambjala hija wahda awtonoma minn negozju guridiku intrapriz bejn il-partijiet dak li kellu jigi mistharreg mit-Tribunal kellu ikun limitat biss jekk sehhx xi pagament ta' xi wahda mill-kambjali mertu tal-kawza u ma kellux jidhol fil-mertu tan-negozju dwar jekk kienx hemm xi *invoices* imhallas o meno.

Illi l-appellat Carmelo Agius ma iressaq l-ebda risposta ghal dan l-appell u lanqas jidher ghat-trattazzjoni ta'l-istess quddiem il-Qorti ghalkemm debitament innotifikat.

Illi il-punt ta' dritt devolut ghad-decizjoni ta' din il-Qorti jitratta n-natura legali tal-kambjala u l-eccezzjonijiet li jistghu jigu sollevati fl-hekk imsejha *actio cambiaria*. Dan ghaliex il-kambjala minn natura taghha hija meqjusa bhala awtonoma u indipendenti minn negozju guridiku li ikun wassal ghat-twelid taghha. Il-posizzjoni legali madanakollu tipprezenta iktar kumplessita' meta il-kambjala ma tkunx giet innegozjata jew iggirata biex b'hekk il-partijiet li huma marbuta biha, huma l-istess partijiet li intrabtu bin-negozju guridiku li wassal ghal hrug ta' dik il-kambjala. Illi huwa fatt inkontestat illi l-kambjali mertu ta' dina l-procedura ma kenux gew innegozjati sabiex b'hekk il-firmatarji taghha

huma dawk l-istess partijiet li intrabtu bin-negozju guridiku sottostanti ghall-hrug tal-istess.

Illi l-artikoli 197 u 198 tal-Kodici tal-Kummerc ifasslu dawk l-eccezzjonijiet li jistghu jitressqu fl-azzjoni kambjarja bhala dawk rejali u dawk personali. Issa meta il-kambjala ma tkunx giet negozjata huwa guridikament u fattwalment evidenti illi allura huma dawk l-istess eccezzjonijiet li jistghu jigu sollevati kemm f'azzjoni bhal din kif ukoll f'azzjoni naxxenti minn negozju guridiku intrapriz bejn il-kontendenti. Ma hemmx limitu ghall-eccezzjonijiet li jistghu jigu sollevati, inkluz ghalhekk dik sollevata mill-konvenut appellat u cioe' dik tal-pagament.

"***L'azione cambiaria del prenditore-possessore si adegua in pratica all'azione casuale, nel senso che le eccezioni opponibili a questa sono opponibili a quella, perche' il pagamento che avvenisse in base all'azione cambiaria estinguerebbe in maniera irrimediabile l'azione casuale*.**[1]"

Dan ifisser allura illi meta isir il-pagament tigi estinta mhux biss l-azzjoni kambjarja izda ukoll l-azzjoni civili naxxenti minn negozju guridiku sottostanti. Illi ghalhekk is-socjeta appellanti ma ghandhiex ragun meta tipprova taghmel distinzjoni bejn il-pagament li isir tal-kambjala u il-pagament effettwat in konnessjoni man-negozju bejn il-partijiet u dan meta il-kambjala ma tkunx giet innegozjata u allura il-partijiet li taw twelid ghan-negozju guridiku huma l-istess li f'iffirmaw il-kambjala fl-origini taghha. L-impunjattiva kien ikollha fundament legali li kieku il-kambjali gew iggirrati izda ma jistax ikollhom ebda sostenn guridiku u legali fil-kaz odjern. Il-Giannini ighallem:

---

[1] Cass., 09/11/1948 n.1813 in *Giur.it.*, 1949 I.1222

"*Chi paga a' bensi il diritto di farsi restituire il titolo quietanzato: non valendosene corre incontro al rischio di dover provare, con altri modi, quello che dal possesso del titolo quietanzato risulterebbe ineccepibilmente; ma il fatto non si distrugge percio'.*[2]"

Dan ifisser illi fil-mument illi isir il-hlas mid-debitur dan iservi beix jestingwi d-debitu kemm dak kambjarju kif ukoll tad-dejn civili ezistenti bejn il-partijiet u dan dejjem fil-kaz bhal dak odjern meta il-kambjala ma tkunx giet innegozjata. Il-fatt illi d-debitur ma ikunx talab lill-possessur tal-kambjala sabiex jirritornalu l-kambjali imhallsa ma ifissirx illi allura id-dejn sottostanti ma ikunx gie estint b'daqshekk! Interpretazzjoni xort'ohra twassal biss ghal arrikkiment indebitu da parti tal-kreditur li ikun qed jippretendi hlas ghal darbtejn tad-debitu infraskritt fil-kambjala. Tant hu hekk illi fis-sentenza **Edgar Staines noe vs Henry Trapani** deciza mill-Qorti tal-Kummerc gie deciz li anke meta ikun hemm mahfra jew kompensazzjoni parzjali jew totali tad-dejn, dan jista' iwassal ghall-estinzjoni ta'l-azzjoni kambjarja:
"***Il-kompensazzjoni, bhala pagament jew il-mahfra totali jew parzjali tal-ammont kambjarju, hija wahda minn dawn l-eccezzjonijiet personali, kapaci li jimmodifikaw jew jeskludu, skond il-kazi, l-ezercizzju ta'l-istess kambjali*[3]**."

Maghmula ghalhekk dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt, huwa bil-wisq evidenti illi r-ragjonament milhuq mit-Tribunal u l-esercizzju maghmul minnu abbazi ta'l-istess in konnessjoni mal-pagament effetwat mill-appellat kien wiehed gust u ghalhekk ma jisthoqqlu l-ebda censura. Il-pagament hija wahda mill-eccezzjonijiet personali ghad-debitur f'azzjoni kambjarja meta il-kambjali

---

[2] Azioni ed Eccezioni Cambiarie – Parte Seconda: Il Giudizio Cambiario

[3] 21/11/1940 – Koll.XXX.iii. 499

ma ikunux gew iggirati u kwindi iservu biex jeliminaw il-kreditu ezistenti bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant l-aggravvji sollevati mis-socjeta appellanti ma jistghux isibu komfort fid-dottrina u il-gurisprudenza li isawwru l-azzjoni kambjarja.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata  bl-ispejjez ikunu ghak-karigu tas-socjeta appellanti.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur